MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 43/2008

Noel Sultana

vs

Frankie Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-25 ta’ Novembru 2008, li jghid hekk :

‘Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent Noel Sultana is-somma ta’ elf hames mija u erbgha u erbghin Ewro (€1,544) dovuti lir-rikorrenti bhala bilanc minn ammont akbar, dovut kif gej :-

€973.03 – hlas ta’ xoghol ta’ spray u panel beating fuq id-daqqa inkluz il-VAT ;
€187.00 – spejjez ta’ parts ;
€494.00 – hlas ta’ xoghol ta’ spray fuq il-vettura kollha.

Dawn jammontaw ghas-somma globali ta’ €1,654.03 illi minnha l-intimat diga’ hallas €110, u ghaldaqstant ghad fadallu jhallas €1544. Illi dawn huma kollha relatati ma’ xoghol illi r-rikorrenti ghamel fuq il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni DBC 335 fuq inkarigu tal-intimat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficcjali numru 650/2008, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’

Ra r-ripsosta tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta’ Dicembru 2008, li tghid hekk :

‘Illi fl-ewwel lok, *trattandosi* minn talba dwar hsara f’vettura naxxenti minn incident stradali, dan l-Onorabbli Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni ta’ dan il-kaz, illi minflok ghandu jigi riferut lic-Centru Malti tal-Arbitragg; u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub huwa esagerat ghall-ahhar ; fit-tieni lok, ix-xoghol fuq il-vettura ma sarx skond l-arti u s-sengha tant illi l-istess vettura kellha tigi rrangata mill-gdid ; u fit-tielet lok, l-ammont realment dovut ghandu jithallas minn terzi persuni, u cioe’ minn Thomas Smith Insurance Agency Limited, il-kumpannija illi kienet tassikura lit-terza parti involuta fl-incident *de quo* ghaliex l-istess incident gara tort ta’ dik it-terza persuna.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.’

Sama l-provi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' somma bilancjali fl-ammont ta' elf hames mija u erbgha u erbghin Euro (€1,544) ghall-esekuzzjoni ta' xoghol ta' panel beating, spray painting, u bdil ta' *spare parts* fuq il-vettura tal-konvenut tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni DBC-335, liema xoghol gie kummissjonat mill-istess konvenut. Dan ix-xoghol l-attur gie nkarigat li jaghmlu wara li l-konvenut kien involut f'habta ma' terza persuna li mhijiex parti f'din il-kawza. Minn barra dan ix-xoghol tat-tiswija tal-hsara kkagunata fl-incident, il-konvenut inkariga lill-attur jaghmillu xoghol iehor ta' *spray painting* fuq partijiet ohra tal-istess vettura tieghu.

Fil-konfront ta' din it-talba l-konvenut issolleva l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kap.380. Gialadarba nghatat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni, din trid tigi kunsidrata l-ewwel, ghax jekk tintlaqa' jkun inutili li tigi ttrattata l-eccezzjoni l-ohra fil-meritu.

Bl-Att numru IX ta' l-2004, gie ntrodott fil-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-Raba' Skeda, l-Arbitragg Mandatorju, u fost it-tilwimiet li hemm specifikati fit-Taqsima A tal-imsemmija skeda, hemm dawk dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur li joriginaw minn kollizjoni bejn vetturi. L-artikolu 15(11) tal-istess Kapitolu 387 jispecifika wkoll li f'dawk il-kazijiet ta' arbitragg mandatorju, il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg relatat ma' dawk it-tilwimiet. Is-subartikolu 3 tal-istess artikolu jistipula wkoll li minkejja kull dispozizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk parti fi ftehim ta' arbitragg tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-ftehim ta' arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm -il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Fil-kaz ta' tilwimiet dwar

it-traffiku ta' vetturi bil-mutur li joriginaw minn kollizjoni bejn vetturi, hemm il-prezunzjoni legali li l-partijiet huma awtomatikament marbutin bi ftehim ta' arbitragg li ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg kif regolat mid-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-vertenza bejn il-partijiet ma tirrigwardax talba ghall-hlas tad-danni li gew sofferti fl-incident, izda tirrigwarda talba ghall-hlas ta' xoghol ta' tiswija fuq vettura li kienet involuta f'incident tat-traffiku, liema xoghol l-attur ghamlu fuq inkarigu tal-konvenut. L-attur bl-ebda mod ma kien involut fl-incident tat-traffiku mal-konvenut li fih grat il-hsara li giet imsewwija, izda gie nkarigat mill-konvenut biex isewwilu l-karozza wara li l-konvenut kien involu f'habta ma' haddiehor. Minnbarra x-xoghol ta' tiswija tal-hsara li garrbet il-vettura fl-incident, il-konvenut inkariga lill-attur jaghmillu xoghol iehor ta' *spary painting* f'partijiet ohra tal-vettura li ma kienu garrbu ebda hsara fl-incident. Il-meritu tal-vertenza bejn il-partijiet huwa naxxenti minn obbligazzjoni kuntrattwali li nholqot bejn il-partijiet meta l-konvenut inkariga lill-attur biex isewwilu l-hsara u l-attur kien accetta li jsewwilu din il-hsara. L-azzjoni hija ghalhekk wahda *ex contracto* u mhux *ex delicto*, liema azzjonijiet ghandhom effetti guridici nettament distinti minn xulxin, u t-tilwima ordjerna bl-ebda mod ma tinkwadra ruhha taht id-dispozizzjonijiet tal-kap. 380. It-talba tinkwadra ruhha taht id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(2) tal-Kap.380, billi hija talba ghall-hlas ta' ammont ta' flus ghal xoghol li sar fuq inkarigu tal-konvenut, u li l-konvenut baqa' ma hallasx. L-eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni hija ghalhekk insostenibbli, u qed tigi michuda.

Fil-meritu jirrizulta, u bl-ebda mod ma gie kontestat, li l-attur ghamel xoghol ta' panel beating, *spray painting*, u bdil ta' parts fuq il-vettura tal-konvenut. Ix-xoghol ta' tiswija li ghamel ix-xhud Joseph Grech fuq il-vettura tal-konvenut m'ghandu x'jaqsam xejn max-xoghol li sar mill-attur. Ix-xhud Joseph Grech huwa mechanic u m'ghamel ebda xoghol ta' *panel beating* fuq il-vettura tal-konvenut, la biddel mill-parts li semma' l-attur, u lanqas m'ghamel

xoghol fuq ix-shaft, li skond il-konvenut kien ha l-vettura minghand l-attur u kien hadha ghand dan Joseph Grech billi l-attur kien baqa' ma sewwielux is-shaft tar-rota ta' quddiem li kien tqaccatlu fl-incident.

Il-konvenut ma gab ebda prova li x-xoghol li ghamel l-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha jew li sar xoghol hazin li kellu jaghmlu b'haddiehor, jew wera fejn il-kont tal-attur ghax-xoghol li ghamel huwa esagerat. L-oneru ta' dan kien jinkombi fuq il-konvenut, u fin-nuqqas ta' tali prova dan it-Tribunal m'ghandu ebda ghazla ohra hlief li jqis li l-ammont li qed jitlob l-attur huwa wiehed gustifikat, u jimmerita li t-talba tieghu tigi milqugha. Il-konvenut ma jistax jippretendi li x-xoghol li huwa nkariga lill-attur li jaghmillu, jithallas mill-kumpannija assikuratrici Thomas Smith Insurance Agency Limited, li maghha huwa jew kien assikurat sid il-vettura li habat maghha l-konvenut, u dan billi din hija kwistjoni li ghad trid tigi deciza fi proceduri ohra li jezorbitaw mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal dwar ir-responsabbilita' ghall-incident li kellu l-konvenut mat-terz li la huwa parti f'din il-kawza, u din il-kawza lanqas ma tirrigwarda d-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghal dak l-inicdent.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma bilancjali ta' elf hames mija u erbgha u erbghin Euro (€1,544) dovuti bhala hlas ta' xoghol ghas-servizzi li gew resi minnu skond kif imfissra ahjar fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 650/2008 sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali msemmija, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------